

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1188

tal-14 ta' Marzu 2019

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tar-reżistenza għall-forza tal-pressjoni tar-riħ għall-blinds u għat-tined esterni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-istandard Ewropew EN 13561 dwar il-blinds u t-tined esterni ġie adottat inizjalment mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) fl-2004 u ġie emendat fl-2008. Fih erba' klassijiet ta' prestazzjoni għall-blinds u għat-tined esterni, b'mod partikolari fir-rigward tar-reżistenza ta' dawk il-prodotti għall-forza tal-pressjoni tar-riħ.
- (2) Il-klassijiet stabbiliti fl-istandard EN 13561 mhumiex biżżejjed għall-prodotti kollha attwalment disponibbli fis-suq. Il-biċċa l-kbira tal-prodotti reċenti għandhom reżistenza għall-forza tal-pressjoni tar-riħ ikbar minn qabel. F'ċerti każijiet, l-użu tal-klassijiet eżistenti jista' jwassal għal problemi ta' sikurezza marbuta mal-iffissar tal-prodotti.
- (3) Għalhekk, huwa neċessarju li fil-klassifikazzjoni inkluża fl-istandard EN 13561, jiżdiedu tliet klassijiet oħra ta' prestazzjoni għar-reżistenza għall-forza tal-pressjoni tar-riħ. Huwa neċessarju wkoll li ssir differenza bejn l-użu tal-klassijiet fost is-subfamilji tal-prodott koperti minn dak l-istandard, b'mod partikolari għat-tined b'dirgħajn jintwew, għall-blinds esterni bit-tessut li jgħaddi mill-vireg ta' gwida laterali u għat-tined pergola.
- (4) Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristika essenzjali tal-prodotti għall-bini tista' tiġi stabbilita mill-Kummissjoni jew minn korp Ewropew għall-istandardizzazzjoni abbażi ta' mandat rivedut maħruġ mill-Kummissjoni. Minħabba l-hteġa li jiġu stabbiliti klassijiet addizzjonali ta' prestazzjoni malajr kemm jista' jkun, il-klassijiet ta' prestazzjoni l-ġodda jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(2) ta' dak ir-Regolament, dawk il-klassijiet jeħtieġ li jintużaw fl-istandards armonizzati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tar-reżistenza għall-forza tal-pressjoni tar-riħ għall-blinds u għat-tined esterni, kif stipulat fl-Anness, huma stabbiliti.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 88, 4.4.2011, p. 5.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2019.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNEX

Tabella 1

**Klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tar-reżistenza għall-forza tal-pressjoni tar-riħ għall-blinds esterni bit-tessut li jgħaddi mill-vireg ta' gwida laterali u għat-tined pergola**

Klassijiet	0	1	2	3
Pressjoni tar-riħ nominali $p_N$ (N/m <sup>2</sup> )	< 40	≥ 40 - < 70	≥ 70 - < 110	≥ 110 - < 170
Pressjoni tar-riħ ta' sikurezza $p_S$ (N/m <sup>2</sup> )	< 48	≥ 48 - < 84	≥ 84 - < 132	≥ 132 - < 204

  

Klassijiet	4	5	6
Pressjoni tar-riħ nominali $p_N$ (N/m <sup>2</sup> )	≥ 170 - < 270	≥ 270 - < 400	≥ 400
Pressjoni tar-riħ ta' sikurezza $p_S$ (N/m <sup>2</sup> )	≥ 204 - < 324	≥ 324 - < 480	≥ 480

Tabella 2

**Klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tar-reżistenza għall-forza tal-pressjoni tar-riħ għat-tined b'dirgħajn akkordjintrellis arm, it-tined b'dirgħajn rotatorji, it-tined b'dirgħajn skorrevoli, ir-roller blinds vertikali, il-marquisolettes, it-tined tal-faċċata, it-tined tat-tamboċċ, it-tined tal-konservatorju u n-nemusieri**

Klassijiet	0	1	2	3
Pressjoni tar-riħ nominali $p_N$ (N/m <sup>2</sup> )	< 40	≥ 40 - < 70	≥ 70 - < 110	≥ 110
Pressjoni tar-riħ ta' sikurezza $p_S$ (N/m <sup>2</sup> )	< 48	≥ 48 - < 84	≥ 84 - < 132	≥ 132

Tabella 3

**Klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tar-reżistenza għall-forza tal-pressjoni tar-riħ għat-tined b'dirgħajn jintwew**

Klassijiet	0	1	2
Pressjoni tar-riħ nominali $p_N$ (N/m <sup>2</sup> )	< 40	≥ 40 - < 70	≥ 70
Pressjoni tar-riħ ta' sikurezza $p_S$ (N/m <sup>2</sup> )	< 48	≥ 48 - < 84	≥ 84